# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Illum 17 ta' Frar 2025

**Rik. Gur.Nru.: 327 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 31**

**MP**

**Vs**

**LS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MP datat 27 ta' Gunju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*1.Illi r-rikorrent izzewweg lill-intimata nhar 15 ta' Gunju 2019 u minn dan iz-zwieg ma ghandhomx ulied;*

*2.Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt in atti Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella data 13 ta' Novembru 2023 hawn anness u immarkat* ***Dok 'A';***

*3. Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment minghand xulxin;*

*4. Illi illum ma hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mill-Ligi ghall-ksib tad-divrozju skont l-Artikolu 66B tal-*

*Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal- Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi, huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex huwa jirregistra l-istess.*

*U dan taht kull provvediment iehor li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq u opportun.*

*Rat ir-risposta ta' LS datata 13 ta' Settembru 2024, a fol 20, li taqra hekk:*

1. *Illi l-partijiet zzewgu f'Malta fl-15 ta' Gunju 2019 liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta u minn dan iz-zwieg taghhom huma ma kellhomx tfal.*
2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippublikat fl-atti tan-nutar Brenda Jane Camilleri Vella fit-13 ta' Novembru 2023.*
3. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.*
4. *Illi ma kien hemm ebda riunifikazzjoni bejn il-partijiet mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u li ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni.*
5. *Illi l-esponenti qieghda tannetti ma din ir-risposta l-affidavit taghha* ***(DOK A).***

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' MP datata 9 ta' Settembru 2024 li permezz taghha esebixxa l-affidavit;

Rat in-nota ta' MP datata 19 ta' Novembru 2024 li permezz taghha esebixxa kopja tac-

certifikat taz-zwieg;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** permezz tal-affidavit **(a fol 18)** illi huma izzewgu nhar l-15 ta' Gunju 2019. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehed illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-13 ta' Novembru 2023 fl-atti tan-nutar Dr Brenda Jane Camilleri. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet permezz tal-affidavit (**a fol 21**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti***

*tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Gunju 2019 liema zwieg jgib certifikat numru 1554/2019 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 24). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri Vella nhar it-13 ta' Novembru 2023 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti kienu separati de jure meta intavolaw il-proceduri odjerni ai termini tal-Art 66B(b) tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1554/2019 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**